Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,665, 16 ta' Lulju, 2021
Taqsima B

A.L. 306 tal-2021

ATT DWAR L-INTRAPRIŻA TA' MALTA (KAP. 463)

Regolamenti tal-2021 dwar Aċċess Finanzjarju ta' Self b'Imgħax Baxx

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 5 tal-Att dwar l-Intrapriża ta' Malta, il-Ministru għall-Enerġija, l-Intrapriża u l-Iżvilupp Sostenibbli, wara konsultazzjoni mal-Korporazzjoni dwar l-Intrapriża ta' Malta u bi qbil mal-Ministru għal-Finanzi u x-Xogħol, għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2021 dwar Aċċess Finanzjarju ta' Self B'Imgħax Baxx.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2021.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"Att" tfisser l-Att dwar l-Intrapriża ta' Malta; Kap. 463.

"Korporazzjoni" tfisser l-Intrapriża ta' Malta mwaqqfa skont l-Att;

"Linji Gwida" tfisser dawk il-linji gwida li jistgħu jiġu ppubblikati mill-Korporazzjoni minn żmien għal żmien skont l-Att;

"impriża" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha fl-Att.

Eliġibbiltà.

3. Fejn il-Korporazzjoni tkun sodisfatta li impriża eliġibbli tkun qiegħda twettaq proġett ta' investiment eliġibbli f'Malta skont it-termini u l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Linji Gwida, il-Korporazzjoni tista' tgħin lil dik l-impriża b'self b'imgħax baxx sabiex tkopri parti mir-rekwiżiti ta' finanzjament.

Termini ta' self b'imgħax baxx.

4. (1) Impriżi eliġibbli jistgħu jiġu mgħejjuna permezz ta' self b'imgħax baxx sa miljun euro (€1,000,000) għall-finanzjament ta' proġetti li jwasslu għal aktar żvilupp, espansjoni ta' attivitajiet, ottimizzazzjoni tal-proċessi, prestazzjoni ambjentali mtejba u sostenibbli, kif spjegat aktar fil-Linji Gwida.

(2) Is-self jista' jkopri sa ħamsa u sebgħin fil-mija (75%) tal-ispejjeż relatati mal-proġett propost inkluż l-akkwist ta' assi, spejjeż

Verżjoni Elettronika

tal-pagi, għarfien u spejjeż oħra mhux rikorrenti kif inhu stabbillit fil-Linji Gwida.

(3) Is-self għandu, bħala garanzija, ikun assikurat b'ipoteka speċjali li tkopri mill-inqas ħamsin fil-mija (50%) tal-ammont tas-self.

(4) Il-valur tal-għajnuna ta' self għandu jitqies li għandu għotja grossa ekwivalenti fil-mument tal-għotja kkalkulata bħala proporzjon ekwivalenti tal-limitu *de minimis* kif stabbilit fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1407/2013 tat-18 ta' Diċembru 2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis* (ir-Regolament de minimis) kif emendat.

(5) Il-valur tal-investiment mhux kopert mis-self maħruġ mill-Korporazzjoni, għandu jkun iffinanżjat permezz ta' self maħruġ minn bank kummerċjali u,jew permezz ta' riservi tal-impriża (jew fondi oħra meqjusa bħala l-fondi proprji tal-impriża) li għandhom jiġu allokati speċifikament għal proġett u ddepożitati ma' bank kummerċjali.

Skadenza għas-sottomissjonijiet tal-applikazzjonijiet għal assistenza.

5. (1) Applikazzjonijiet għal assistenza biex jappjoġġjaw impriżi eliġibbli skont dawn ir-regolamenti għandhom jaslu għand il-Korporazzjoni qabel il-31 ta' Ottubru 2023.

(2) Ebda assistenza taħt dawn ir-regolamenti ma għandha tingħata mill-Korporazzjoni wara l-31 ta' Diċembru 2023.